# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 567/2015 MH**

**Illum, 10 ta' Lulju, 2020**

**Jason Farrugia (K.I. 437972M)**

**vs**

**Godwin Camileri personalment u fil-kariga tiegħu ta' Financial Controller u/jew f'kull funzjoni oħra fil-Mellieħa Holiday Complex**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tal-11 ta' Ġunju 2015** permezz ta' liema ppremetta -

Illi r-rikorrent kellu kuntratt bhala distributor mal-kumpannija General Soft Drinks Company Limited liema kuntratt kien iffirmat fit-22 ta' April 2013 (ara dok JF 1);

Illi f'Jannar 2015 l-istess kuntratt gie terminat min-naha tal-kumpanija General Soft Drinks Limited minhabba illi skond l-istess kumpanija ir-rikorrent kien kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt;

Illi irrizulta lir-rikorrent illi din id-decizjoni ttiehdet a bazi ta' informazzjoni li nghatat lill-istess kumpanija mill-intimat;

Illi rrizulta wkoll li l-istess informazzjoni setghet inghatat lill-intimat minn xi haddiema tal-istess kumpless fejn jahdem l-intimat, izda l-identita taghhom baqghet qatt ma giet zvelata;

Illi din l-informazzjoni hija ghal kollox inveritiera u qarrieqa u hija intiza biss biex tohloq problem lir-rikorrenti tant li wasslet biex tile fil-hobza ta' kuljum;

Illi minkejja li l-mittenti gie nterpellat permezz ta' protest gudizzjarju datat 18 ta' Marzu 2015 sabiex fost ohrajn jirtira u/jew jikklarifika l-allegazzjonijiet li ghamel bhala inveritieri u/jew zbaljati (ara Dok JF 2), il-mittenti baqa inadempjenti;

Illi din l-informazzjoni inveritiera u/jew zbaljata tal-mittenti ikkawzat danni kbar u stress serju lir-rikorrenti kemm personali u kif ukoll finanzjarji;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-intimat ghadda nformazzjoni inveritiera u/jew qarrieqa dwar ir-rikorrenti lis-Socjeta General Soft Drinks Limited;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li din l-informazzjoni wasslet ghat-terminazzjoni tal-kuntratt ta' distribuzzjoni li r-rikorrenti kellu mas-Socjeta General Soft Drinks Limited;

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti minhabba tali terminazzjoni tal-kuntratt, bl-ghajnuna jekk mehtieg ta' periti nominati;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrenti kien respensabbli ghal tali terminazzjoni u tikkundannah ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-protest gudizzjarju datat 18 ta' Marzu 2015 kontra l-istess intimat u bl-imghax legali mid-data tal-istess protest gudizzjarju jew minn data ohra li jidhrilha xierqa l-istess Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut pro et noe tat-3 ta' Lulju 2015**[1] permezz ta' liema ressaq dawn l-eċċezzjonijiet –

*"Preliminarjament il-Mellieha Holiday Complex m'għandhiex eżistenza ġuridika u konsegwentement ma setgħetx tiġi ċitata f'ġudizzju.*

*2. F'kull każ u mingħajr preġudizzju l-eċċepjent m'għandux ir-rappreżentanza ġuridika tal-istess Mellieha Holiday Complex, jew tal-proprjetarji tal-kumpless.*

*3. F'kull każ ukoll l-eċċepjent personalment mhuwiex leġittimu kontradittur.*

*4. Fil-meritu l-eċċepjent proprio et nomine ma jaħtix għat-terminazzjoni tar-relazzjoni kontrattwali bejn ir-rikorrent u l-General Soft Drinks Limited.*

*5 Konsegwentement huwa m'għandu ebda responsabbli għal xi danni li seta' ġarrab ir-rikorrent.*

*6. F'kull każ ukoll it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

[1] Fol 18

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha.

**Ikkunsidrat:**

Fil-proċeduri odjerni l-attur qiegħed jitlob ir-risarċiment tad-danni mingħand il-konvenut *pro et noe* peress li allegatament b'riżultat ta' nformazzjoni nveritiera u/jew qarrieqa mgħoddija mill-konvenut lil soċjeta' terza, din ta' l-aħħar itterminat lill-istess attur il-kuntratt ta' distribuzzjoni li huwa kellu magħha.

Il-konvenut *pro et noe* rrespinġa it-talbiet tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-atti jirriżulta fost oħrajn li l-attur kien *self-employed* pero' kien jirrendi servizz ta' distributur ta' diversi prodotti mas-soċjeta' General Soft Drinks u dan skont kuntratt iffirmat bejniethom fit-22 t'April 2013[2] li kellu jkun għal perjodu ta' erba' snin mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2015. Il-kuntratt kien awtomatikament rinnovabbli għal perjodu ieħor ta' sena skont l-istess termini u kundizzjonijiet sakemm wieħed mill-partijiet ma kienx javża almenu sa tlett xhur qabel li huwa ma kienx beħsiebu jġedded tali ftehim.

Fost il-klawsoli ta' dan il-kuntratt kien maqbul li l-għan ewlieni kien li jiġi assikurat impenn lejn servizz ta' kwalita' għolja lill-klijent u li jiġu stabbiliti livell, *standards* ta' mġieba u prestazzjoni li jassikuraw li d-distributuri jkunu pjenament konsapevoli ta' dak li kien mistenni minnhom (klawsola numru 1- Prinċipji Ġenerali). Il-klawsola numru 13.1 kienet tipprovdi wkoll li fost oħrajn id-distributur kien obbligat li josserva standards ta' mġieba li tirrifletti l-kwalita' għolja u l-professjonaliżmu tal-kumpanija General Soft Drinks Ltd. Din il-klawsola kienet tkompli tgħid hekk – *"In particular, in terms of behaviour the*

[2] Fol 4 et seq

*Distributor is expected to exhibit high levels of courtesy toward customers and customer care, together with high levels of reliability, responsibility and flexibility toward performing his contracted services."* Fin-nuqqas, il-klawsola 13 kienet tistabilixxi l-proċedura ta' dixxiplina li kellha tiġi adoperata meta s-servizz mogħti mid-distributur ma jkunx skont l-istandards tal-kumpanija General Soft Drinks Ltd. Partikolarment il-klawsola 13.10 kienet tipprovdi li –

*"....the Company reserves the right to terminate this agreement without notice for any serious offence against the Company, its staff or its customers, including failure to perform satisfactorily his obligations under this agreement. The Company shall have sole and exclusive discretion in determining the seriousness of the offence committed."*

L-attur da  parti tiegħu  jgħid li x-xogħol ta' distributur kien ilu jagħmlu għal aktar minn dsatax -il-sena bi sħab ma ċertu Godwin Micallef u qatt ma kellu problemi la mas-soċjeta' msemmija, la mal-ħaddiema tagħha u lanqas mal-klijenti għajr għal kwistjoni żgħira li darba kienet qamet ma' klijent u li għaliha kien ingħata twissija, pero' l-affari kienet waqfet hemm.

L-attur kompla jixhed[3] li pero' fl-24 ta' Diċembru 2014 ġie mgħajjat mir-rappreżentanti ta' General Soft Drinks Ltd - Mark Sims, Peter Kristianson u Stefan Ferriggi - u staqsewh jekk kienx ittanta xi mara. Huwa kien innega iżda ngħata sospensjoni sakemm jiġi nvestigat dan l-aġir[4]. Permezz ta' ittra datata 6 ta' Jannar 2015[5] l-attur ġie mgħarraf li wara nvestigazzjoni li għamlet General Soft Drinks Ltd, l-allegazzjonijiet speċifiċi fil-konfront tiegħu kienu li –

[3] Affidavit a fol 23 et seq
[4] Fol 39
[5] Fol 40

- Huwa għamel kummenti ta' natura sesswali lill-ħaddiema ta' klijent tal-General Soft Drinks (ċioe' tal-Mellieħa Holiday Complex);
- Huwa għamel kummenti mhux xierqa u uża lingwaġġ mhux xieraq mal-impjegati nisa ta' dan l-istess klijent;
- Huwa ma għenx meta ħatt il-prodotti għand dan il-klijent, imma għażel li joqgħod jiċċassa lejn l-impjegati nisa sakemm dawn ġarrew il-prodotti huma stess, u bdew iħossuhom skomdi fil-preżenza tiegħu.

L-attur għalhekk attenda laqgħat li saru mal-Management ta' General Soft Drinks Ltd fit-8 u 9 ta' Jannar 2015. Ingħad lilu li kienu rċevew rapport mingħand il-*General Manager* il-ġdid tad-Danish Village li l-lavrant tiegħu kien qal xi kliem dispreġġjativ b'konnotazzjonijiet sesswali lil xi ħaddiema tal-kumpless u li hu kien kompla miegħu. Qalulu wkoll li hu stess kien qal diskors b'konnotazzjonijiet sesswali lil ħaddiema oħra u li dawn l-affarijiet kienu ilhom għaddejjin xi sena u nofs. L-attur da parti tiegħu ċaħad kollox.

Madankollu permezz ta' ittra datata 10 ta' Jannar 2015[6] s-soċjeta' General Soft Drinks Ltd xorta tterminatlu l-kuntratt ta' distribuzzjoni b'effett immedjat minħabba l-imġieba skorretta tiegħu. Dan wara li kkunsidrat il-provi mressqa mill-impjegati tal-klijent u l-provi mressqa mill-attur.

Stephen Bonnici, HR Manager ma' General Soft Drinks Ltd ikkonferma li l-attur **qatt** ma kien ikkontesta d-deċiżjoni tal-General Soft Drinks Ltd li biha tterminat d-distribution agreement in kwistjoni[7].

Xi eks impjegati tal-attur ċaħdu li fuq medda ta' żmien kien hemm xi atteġjament skorrett minn naħa tagħhom jew minn naħa ta' l-attur fil-viċenda[8]. Għandu jingħad ukoll liċ-ċaħda ta' erbgħa impjegati ġiet l-ewwel f'forma ta' affidavit

[6] Fol 42
[7] Fol 109
[8] Fol 23 et seq, fol 50 et seq u fol 160 et seq

identiku wieħed għal ieħor, ċaħda preċiżament ripettuta![9] Ikkonfermaw l-istess quddiem din il-Qorti viva voce.

Il-konvenut Godwin Camilleri, Financial Controller u *acting General Manager* tal-Mellieħa Holiday Centre għal xi żmien, xehed li f'Novembru 2014 u ċioe' fil-perjodu li huwa kien acting General Manager, kien laqqa' lir-rappreżentant tal-General Soft Drinks u lis-supervisors u staqsihom jekk għandhomx xi mistoqsijiet x'jagħmlu lir-rappreżentant imsemmi. Huma, ċioe' Angele Borg u Roseanne Bugeja, qalulu li ma kinux komdi bl-attur li kien delivery man ma' dik is-soċjeta'[10].

Minn rapport preżentat in atti dwar dan l-inkontru rriżulta li[11] –

- fit-30 ta' Diċembru 2014 saret laqgħa ġewwa l-Mellieħa Holiday Centre bil-għan li jiġu nvestigati l-allegazzjonijiet ta' molestja verbali ta' natura sesswali mill-attur fir-rigward ta' mpjegati tal-kumpless imsemmi. Preżenti għall-laqgħa kien hemm Mark Sims (Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani fi ħdan is-soċjeta' General Soft Drinks Ltd), il-konvenut Godwin Camilleri u Angele Borg (Supervisor tat-Taqsima tas-Supermarket). Skont dan ir-rapport, fil-bidu tal-perjodu li fih kien qed jaġixxi bħala *acting General Manager*, u ċioe' f'Novembru 2014 huwa kien sejjaħ laqgħa u stieden lill-impjegati biex jiddiskutu xi problemi jew materji li kienu jolqtu s-setturi tagħhom.
- Fost l-interventi li saru kien hemm dak ta' Angele Borg u l-assistenta tagħha Roseanne Bugeja li t-tnejn qalu lil Camilleri li huma kienu qegħdin iħossuhom skomdi bl-atteġjament tad-delivery man tal-Coca Cola peress li kien iġiegħel lin-nisa f'dik it-taqsima jħossuhom veru skomdi bil-kummenti speċjament ta' natura sesswali li kien jgħaddi.

[9] Ara dok JF2, JF3, JF4 u JF5 ibid.
[10] Fol 141 et seq
[11] Fol 114 et seq

- Fid-dawl ta' dan Camilleri kompla jindaga u staqsa partikolarment lil Angele Borg biex tindika episodji oħra li setgħet tiftakar. Borg kompliet tispjega li fil-15 -il sena li kienet ilha taħdem kienet iltaqgħet ma' ħafna *delivery men* imma l-attur kien partikolarment diffiċli u jonqos milli jgħin. Kien jgħabbi t-trolley u jdaħħlu fis-supermarket imma minflok jgħin fil-ħatt tal-affarijiet kien joqgħod iserraħ mat-trolley jiċċassa lejha u lejn Roseanne Bugeja huma u jħottu. Kien ukoll jgħaddilha kummenti sarkastiċi u ta' konnotazzjonijiet sesswali, kif indikat u kkwotat direttament bil-Malti fl-istess rapport. Borg kompliet tgħid li l-attur kien kontinwament jgħaddi dawn il-kummenti u kien idejjaqha; xi drabi kienet tgħidlu biex jieqaf jew jibdel is-suġġett. Ħafna drabi l-attur kien jgħaddi dawn il-kummenti quddiem delivery men oħra minn kumpaniji oħrajn u anke dan kien imbarazzanti għaliha. Kienet waslet f'punt li kienet tistmerr meta l-attur imur biex iqassam ix-xogħol u kienet tieħu r-ruħ meta jmur xi ħadd ieħor minn naħa tal-General Soft Drinks.
- F'dik il-laqgħa kien issejjaħ ukoll Chris Bugeja, l-għarus u sussegwentement ir-raġel ta' Roseanne Bugeja li ta dettalji u kkorrobora dak li qalet Bugeja dwar episodju fejn huwa kien sema lill-attur jgħid diskors b'konnotazzjonijiet sesswali lill-istess Bugeja u fejn kien saħansitra ntervjena huwa. Dan l-episodju kien seħħ circa fis-sajf tal-2013.
- Anke Godwin Camilleri kkonferma li huwa ġieli kien sema' lill-attur jgħajjat u jidgħi.
- Paul Grech, assistent fis-Supermarket qal li hu stess ġieli kien iħossu mbarazzat bil-kummenti li kien jagħmel l-attur u li l-attur anke qallu diskors ta' natura sesswali fir-rigward ta' Anna Bugeja b'vuċi għolja biżżejjed li din setgħet tisimgħu. Grech qal ukoll li l-attur kien jaf ukoll ikun orrajt meta l-istaff femminili ma kienx ikun hemm u li fil-fehma tiegħu l-kummenti tal-istess attur kienu aktar aċċettabbli għall-irġiel milli għall-kollegi femminili tiegħu.

- Roseanne Bugeja ġiet mgħajta biex tagħti l-verżjoni tagħha u hi qalet li l-attur kien regolarment jgħaddilha kummenti doppju sens u li għaliha kellhom konnotazzjonijiet sesswali. Hija tat eżempju speċifiku ta' kliem li qalilha u li tant imbarazzaha li ma qatlu xejn u njoratu. Hija qalet ukoll li meta l-attur kien jagħmel id-delivery huwa ma kienx jgħinhom iħottu l-oġġetti minn ġot-trolley u anke jekk ikun hemm spazju fis-supermarket fejn ipoġġi l-prodotti, huwa kien jitlaqhom fin-nofs. Minflok kien iserraħ mat-trolley jiċċassa lejn l-impjegati nisa huma u jitbaxxew biex jiġbru l-affarijiet u jħares lejhom b'ċertu mod li kien iġegħlhom iħossuhom skomdi. Bugeja qalet li l-attur kien jgħaddi kummenti kull darba li kien imur is-supermarket u kienet tħossha skomda fil-preżenza tiegħu peress li dejjem kien jidher qisu għandu s-sess f'moħħu.
- Kemm Roseanne Bugeja u Angele Borg qalu li ma ridux ikunu responsabbli li l-attur jitlef xogħolu. Huma kienu nkwetati li jekk l-attur isir jaf b'dak li qalu huwa jeħodha kontra tagħhom. Mark Sims minn naħa tal-General Softdrinks wieġeb li huwa kull ma ried jagħmel f'dik il-laqgħa kien li jestabilixxi l-fatti u mbagħad kien jispetta lill-kumpanija tiegħu tiddeċiedi x'azzjoni kellha tieħu jekk ikun hemm bżonn.

Marika Micallef, eks Operations Manager fil-Mellieħa Holiday Complex għal sbatax -il sena u li spiċċat minn dik il-kariga f'Settembru 2014 qalet li hija ma kinitx irċeviet ilmenti dwar l-attur fil-perjodu li damet hemm[12].

[12] Fol 136 et seq

Angela Borg[13] u Rosanne Bugeja[14] xehdu viva voce quddiem il-Qorti dwar l-atteġjament u l-kliem li kien jgħid l-attur meta kien imur iqassam ix-xogħol għandhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fl-ewwel lok, il-konvenut *pro et noe* ressaq xi eċċezzjonijiet preliminari marbuta mal-kwalita' li fiha ġie ċitat bħala konvenut fil-kawża u ċioe' kemm personalment kif ukoll għan-nom tal-Mellieħa Holiday Complex.

Huwa paċifiku li kull kawża ċivili tiskatta mill-interess ġuridiku tal-kontendenti kollha nvoluti.

Fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deċiża fit-28 ta' Settembru 2016**[15] ingħad hekk -

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell***:**

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux*

[13] Fol 190 et seq
[14] Fol 203 et seq
[15] Rik Gur Nru 700/14

*fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deċiż fit-23 t'Ottubru 2009***[16] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuż jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[17]*."*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Michael Angelo Briffa et vs Jost Merten et deċiż fid-29 t'Ottubru 2018**[18] **-**

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 t'Ottubru 2011 kienet saret distinzjoni bejn il-kwistjoni tar-*

[16] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[17] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell
[18] Rik 983/15

*responsabbilita tal-parti u l-kwistjoni tal-legittimu kontradittur, u f'dan is-sens ġie rrilevat illi:*

*"...biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor jew lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat prima facie leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."*

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tqis li ma rriżultax in-ness meħtieġ bejn il-pretensjonijiet attriċi u t-taħrika tal-konvenut Godwin Camilleri fil-kwalita' tiegħu personali in kwantu huwa evidenti mill-provi li tressqu li l-aġir tiegħu, kemm meta sema' l-ilmenti tal-impjegati tal-Mellieħa Holiday Complex kif ukoll meta ħa azzjoni u ressaq l-ilment tagħhom dwar l-attur mal-General Soft Drinks Ltd huwa kien qiegħed jaġixxi limitatament fil-funzjoni tal-kariga tiegħu primarjament ta' *acting General Manager* tal-kumpless imsemmi. L-uniku rwol li kellu l-konvenut fil-viċenda kien għalhekk dejjem wieħed marbut mal-ambitu tax-xogħol tiegħu u mhux u qatt fuq livell personali.

**It-tielet eċċezzjoni sejra konsegwentement tiġi milqugħa.**

Madankollu mhux l-istess jista' jingħad għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet. Kif jirriżulta mill-okkju tal-kawża l-konvenut ġie mħarrek in rappreżentanza tal-Mellieħa Holiday Complex li l-impjegati tagħha kienu dawk li ressqu lmenti li dwarhom l-attur illum qiegħed jitlob il-ħlas tad-danni. Stephen Bonnici, HR Manager ma' General Soft Drinks Ltd ikkonferma li l-ilment għan-nom tal-Mellieħa Holiday Centre sar mill-kontrollur finanzjarju tagħha Godwin Camilleri[19]. Mela hemm rabta diretta u n-ness ġuridiku meħtieġ bejn il-pretensjonijiet tal-attur u l-Mellieħa Holiday Complex li f'isimha ġie mħarrek il-konvenut li, kif ingħad, kien il-persuna li fil-kariga tiegħu serva ta' pont biex l-ilmenti tal-impjegati tal-kumpless waslu għand is-soċjeta' General Soft drinks.

Isegwi għalhekk lix-xilja kontra l-konvenut fil-kariga tiegħu issa ta' Financial Controller u/jew f'kull funzjoni oħra fil-Mellieħa Holiday Complex hija valida u għalhekk **l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sejrin jiġu miċħuda**.

[19] Fol 100

Fil-mertu in kwantu din hija azzjoni għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, issir referenza għas-sentenza **Maurice Hili vs Francis Attard et deċiż 26 ta' Frar 2019** li fiha ngħad hekk -

*"Ġie affermat mill-qrati tagħna:*

*"Illi sabiex tirnexxi azzjoni għad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:*

*(1) il-fatt dannuż illeċitu;*

*(2) l-imputabbilita' tal-istess fatt għal min ikun għamlu;*

*(3) id-dannu ikkaġunat minn dan l-istess fatt u*

*(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun għamlu."*

*Għalhekk ikun hemm ir-responsabbli għad-danni jekk tiġi ppruvata konnessjoni loġika ta' kawża u effett bejn l-att u d-danni kkaġunati mill-istess att.*

*In linea ta' prinċipju jinsab enunċjat li "hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok għad-danni li jkun hemm ness ta' kawżalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuża." (kollez. Vol. XLIV P1 p.343).*

Naturalment il-Qorti trid tiddeċiedi fil-parametri tal-kawża kif postulata mill-attur. Ingħad hekk fil-każ **Alfred Cini vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et deċiż fit-3 ta' Diċembru 2007** -

*"Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti ta' sentenza l-imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni (**Kollez.Vol. XLIX P I p 406**). Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif migjuba fiċ-ċitazzjoni (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 85**). Is-sentenza għalhekk kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut."*

Il-kawżali li fuqhom huma mibnija t-talbiet tal-attur għad-danni huma li l-kuntratt ta' distribuzzjoni tal-2013 ġie mwaqqaf minn General Soft Drinks minħabba nformazzjoni *"għal kollox inveritiera u qarrieqa"* mogħtija minn ħaddiema li jaħdmu fil-kumpless tal-intimat Camilleri. U għalhekk dak li jeħtiġielha testabilixxi l-Qorti huwa jekk din l-allegazzjoni tal-attur għandhiex mis-sewwa jew le biex minn hemm tiddeċiedi dwar it-talba tiegħu għad-danni.

Il-Qorti hija rinfaċċjata b'verżjonijiet kuntrastanti fir-rigward. Il-ħaddiema tal-Mellieħa Holiday Complex, partikolarment dawk femminili jatribwixxu atteġjament mhux xieraq da parti tal-attur li kien jimbarazzahom speċjalment b'diskors doppju sens u ta' natura sesswali dirett lejhom kif ukoll li spiss ma kienx jgħinhom fil-ħatt tal-prodotti; filwaqt li l-attur u l-eks ħaddiema tiegħu ċaħdu dan kollu.

Kif inhu pero' rassodat fil-ġurisprudenza pero', dan il-kunflitt ta' provi m'għandux ikun ta' ostaklu *per se* biex il-Qorti tasal għall-ġudizzju tagħha.

Ingħad hekk fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deċiż fil-15 ta` Diċembru 2015**[20]-

"***Konflitt tal-verżjonijiet***

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża* ***`Xuereb et vs Gauci et`*** *il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewg prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

[20] Rik Gru Nru 1170/86

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

*(ara wkoll: "**Bugeja vs Meilak**" – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003; "**Farrugia vs Farrugia**" – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

Fuq nota simili, il-Qorti qalet hekk fil-każ **Pickless Ltd vs Saviour Farrugia et deċiż fl-20 ta' Jannar 2016**[21] **-**

*"Fuq il-kwistjoni tal-konflitt tal-provi ingħad illi:*

*"mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt (fil-verżjonijiet mogħtija tal-partijiet) għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-izbalji tal-*

[21] Rik 445/07

*perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha .... .... Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (...) anzi', f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibilita' tal-qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."*[22]

*Ingħad ukoll illi:*

*"fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi l-kriterju ma huwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn awl id-dinja fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja*[23]*."*

*Fil-każijiet fejn il-Qorti tkun rinfaċċata minn provi konfliġġenti, il-Qorti għandha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu ġew prodotti quddiema, u ċioe:*

*1. Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*2. Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur*[24].

*Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, fuq preponderanza tal-provi, għax*

[22] **Carmelo Farrugia vs Rokko Farrugia**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fil-24 ta' Novembru 1 966.
[23] **Joseph Borg vs Joseph Bartolo**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Gunju 1980
[24] **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) deciza fl-24 ta' Marzu 2004)

*dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konviċiment tal-ġudikant*[25]*."*

Il-Qorti, evalwat ix-xhieda kollha mressqa quddiemha inkluż il-komportament tagħhom waqt id-depożizzjoni tagħhom *viva voce* quddiemha u hija tal-fehma ferma li ma hemm ebda raġuni valida li ġġegħla tiddubita mill-veraċita' tal-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-impjegati tal-Mellieħa Holiday Complex. Huma kienu dejjem konsistenti, kredibbli u konvinċenti f'dak li qalu, kemm waqt il-laqgħa li saret fit-30 ta' Diċembru 2014 kif ukoll u speċjalment quddiem din il-Qorti. Taw u baqgħu jsostnu l-istess lanjanza u verzjoni. Anzi wrew biċ-ċar li għalkemm riedu jeħilsu mis-sinistru li kien qed jiġi kkagonat lilhom bil-paroli żejda u qatt f'waqthom, (jekk isibu xi waqt x'imkien), pero ma riedux jagħmlu ħsara ta' telf ta' xogħol lil attur.

Fil-fehma tal-Qorti, li l-attur qal partikolarment diskors doppju sens b'konnotazzjonijiet deċiżament sesswali u mhux xieraq lill-impjegati nisa meta kien imur bix-xogħol ġiet ampjament pruvata. Kliem li sar b'ċertu ton fuq il-linji ta' *"min jaf kemm teqred u tingħi bil-lejl"*[26] (lill-impjegata wara li staqsiha jekk għandhiex raġel f'ħajjitha) jew inkella *"nibdiek minn fejn trid, minn quddiem jew minn wara"*[27] (suppost b'referenza għall-ħatt tax-xogħol mit-trakk) huwa fost l-aktar li jispikka u li ma jħalli ebda lok għal dubju dwar il-konnotazzjonijiet u sinifikat sesswali tiegħu u l-intenzjoni warajh. Kliem mhux flokku fuq lant tax-xogħol u xejn meqjus għal min ried jibqa' jżomm dan il-forma ta' introjtu. Ġie wkoll pruvat li l-attur kien juża diskors doppju sens pratikament kull meta kien imur il-Mellieħa Holiday Complex, liema diskors ġieli qalu quddiem impjegati

---

[25] **Joseph Vella vs Judas Taddeo sive Teddy Borg et**, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) deciza fis-19 ta' Mejju 2015

[26] Xhieda Angela Borg folio 191. **Diskors li skontha kien ingħad għal ħafna drabi.**

[27] Xhieda Roseanne Bugeja a folio 207.

oħrajn tal-kumpless. Ħareġ ukoll mill-provi li b'dan il-lingwaġġ l-impjegati nisa nvoluti kienu jħossuhom skomdi u mbarazzati (xi ħaġa li l-Qorti nnutat anke waqt id-depożizzjoni tagħhom quddiemha fejn evidentement dawn ħassewhom skomdi u mistħija jirrepetu ċertu diskors li ntqal lilhom mill-attur). Sforz kif kienu jħossuhom xi drabi kienu jgħidulu biex jieqaf jew jibdel is-suġġett iżda drabi oħra kienu sempliċiment jippruvaw jinjorawh. Dan kollu ġie korroborat minn impjegati oħra li kienu jisimgħu lill-attur jgħid dan it-tip ta' diskors. Ma jistax lanqas jiġi njorat il-fatt li b'żieda ma' dak li ngħad, persuna taf tkun sensibbli aktar minn oħra fil-mod kif tipperċepixxi ċertu diskors u allura dan ikompli jżid mal-impatt ta' dak li jkun intqal lilha. Dan apparti għal fatt kardinali u prinċipali li dan it-tip ta' diskors anke kieku ntqal biss għal darba la u den u lanqas xieraq u ċertament qiegħed lil kumpanija li qegħda tinqeda bis-servizzi ta' minn jippropoġah f'dell ferm ikrah.

Ġie muri wkoll mill-provi li l-atteġjament tal-attur kien tali li flok jgħin fil-ħatt tal-prodotti kien iħalli partikolarment lill-impjegati nisa jħottuhom u jħares lejhom b'mod li għal darb'oħra jġegħlhom iħossuhom skomdi.

Konsegwentement ġie pruvat a sodisfazzjon tal-Qorti li dan il-komportament tal-attur kien proprju dak li nformazzjoni dwaru ngħatat mill-impjegati tas-supermarket lil Godwin Camilleri u lir-rappreżentat tal-General Soft Drinks Ltd.

**Din l-informazzjoni la tista' titqies falza u lanqas qarrieqa kif allegat mill-attur.**

Inoltre Godwin Camilleri kull ma għamel kien biss li b'sens ta' dover, kif ġustament kellu jkun, meta rinfaċċjat b'sitwazzjoni bħal din, għadda l-informazzjoni li waslitlu lir-rappreżentanti tal-General Soft Drinks Limited. Evidentement is-soċjeta' msemmija ħadet dan l-ilment bis-serjeta' tant li bgħatet lil Mark Sims biex jieħu konjizzjoni diretta ta' dawk l-allegazzjonijiet u l-

impjegati reġgħu tennew b'dettall dak li kienu għaddejjin minnu meta l-attur kien qiegħed imur iqassmilhom ix-xogħol.

Minn dan kollu l-konklużjoni tal-Qorti hi li n-ness bejn l-allegazzjonijiet tal-attur u l-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tad-danni ma ġiex pruvat.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn għall-fini tal-kawża odjerna pero' ma tistax ma tosservax ukoll li wara li saret il-laqgħa fit-30 ta' Diċembru 2014 dwar il-komportament tal-attur lis-soċjeta' General Soft Drinks Limited, l-istaff kollu tal-Mellieħa Holiday Complex ma kellux aktar kontroll ta' dak li seħħ wara. Kienet is-soċjeta' General Soft Drinks Limited li skont il-poteri tagħha fil-kuntratt ta' distribuzzjoni[28] ddeċidiet li tibda proċeduri dixxiplinarji kontra l-attur fejn huwa ngħata anke l-opportunita' li jiddefendi ruħu. Issa jekk is-soċjeta' msemmija dehrilha fid-diskrezzjoni tagħha li - wara li semgħet il-provi kollha miż-żewġ naħat – għandha twaqqaf immedjatament il-kuntratt ta' distribuzzjoni tal-attur għax qieset l-atteġjament tiegħu bħala wieħed serju u gravi, żgur li dan kollu huwa *res inter alios acta* għall-konvenut nomine. Il-konvenut ma kellu ebda kontroll fuq il-mod li kienet se taġixxi s-soċjeta' ingaġġanti ta' l-attur fid-distribuzzjoni tal-merce.

Mhux biss, talli l-pretensjoni tal-attur fil-kawża odjerna tkompli tiddgħajjef bil-fatt li minn naħa waħda l-attur lanqas biss ikkontesta id-deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 2015 meħuda mill-General Soft Drinks Ltd (allura jiġi li huwa aċċetta u ssottometta ruħu għad-deċiżjoni ta' dik is-soċjeta' bażata fuq l-ilmenti magħmula mill-Mellieħa Holiday Complex) pero' mbagħad minn naħa oħra qiegħed xorta jfittex għad-danni lil Kumpless konvenut talli ta dik l-istess informazzjoni.

Isegwi li tħares minn fejn tħares lejha l-kawża tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tiegħu ser jiġu respinti fit-total filwaqt li għall-istess raġunijiet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine sejrin jintlaqgħu.

[28] Ġia suriferut; artikolu 13.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:**

**1. Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjeż kontra tiegħu u tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet;**

**2. Tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż rimanenti jkunu a karigu tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**